Marzu 2016 • Vol 23 • Nru. 1

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




**Fil-Paġni ta' ġewwa:**

- **Klieb ġodda għat-Taqsima tal-Klieb tal-Pulizija**
- **Il-Malta Police Fund u kontijiet oħra**
- **Il-Laqmijiet mezz ta' identifikazzjoni**

**U aktar…**

*Newspaper Post*

INTENIONALLY
LEFT BLANK




Ritratt - CMRU

Marzu 2016 • Vol 23 • Nru. 1

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ


07



30



45



60



5. Editorjal

7. Dan l-aħħar...

17. Klieb ġodda għat-Taqsima tal-Klieb tal-Pulizija

20. Il-Malta Police Fund u l-Kontijiet l-Oħra

22. Il-*Bullying* fil-Post tax-Xogħol

25. Kumpens adegwat għas-sahra 1993-2009

26. Malta Police Association

29. *ERASMUS+ Enriching Our Law Enforcement Skills Via Training*

30. Attivitajiet fi żmien il-Milied

41. Il-laqmijiet mezz ta' identifikazzjoni

45. Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

50. Rikonoxximent mill-Onorevoli Angelo Farrugia – President tal-Parlament ta' Malta

50. Mill-Imgħoddi

53. Paġna għat-tfal

55. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

57. International Police Association - Malta

58. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

60. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju


IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Assistent Kummissarju Mario Spiteri
Editur: Spettur Graziella Buhagiar Muscat
Membri: Supt Antonello Grech
WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "Il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Editorjal



Mill-aħħar edizzjoni tal-magażin, ġraw ħafna affarijiet: fosthom donnu fil-mezzi tax-xandir żdied ir-rappurtaġġ dwar aggressjonijiet fuq il-pulizija. M'iniex ser nidħol f'mertu ta' xi każ partikulari, jew jekk ir-raġuni għaliex qed nisimgħu dwar dawn il-każi hix għax verament żdiedu jew għax qed jissemmew aktar.

Kull dipartiment għandu n-natura tax-xogħol tiegħu, u hemm dipartimenti fejn il-membri jkunu esposti għall-elementi, li tajjeb li wieħed jkun imħejji għalihom, mhux biss fiżikament iżda wkoll mentalment. Xi kultant, fix-xogħol tagħna trid tintuża l-forza, iżda tissejjaħ forza proporzjonata għal raġuni, li ma hemmx għaliex nispjegaha hawn; kull membru tal-Korp suppost jafha. Iżda jien nasal nassumi li kull min jitlob li jintbagħat jaqdi dmiru f'ċerti dipartimenti, ikun ippreparat għal ċertu tip ta' xogħol, u naturalment ikun jaf li ser ikun espost għal ċirkustanzi partikulari u li jrid jaħdem taħt pressjoni. Dak hu x-xogħol li għażilna li nagħmlu. Żgur li ebda uffiċjal tal-Pulizija li safa nvolut f'xi kawża Kostituzzjonali ma daħal fil-Pulizija bix-xewqa li jiġrilu hekk, iżda konxju li x-xogħol tagħna jista' jwassal għal hekk, fost ċirkustanzi oħra, xejn sbieħ, li xogħolna jġib miegħu.

Tajjeb naħsbu qabel sirna membri tal-Korp, x'kien jgħaddilna minn moħħna meta nisimgħu bir-rwol ta' pulizija fis-soċjetà. X'jiġih f'moħħu ċittadin meta jisma' bil-kelma pulizija? Nista' ngħidilkom li għal ħafna tfal, meta ssemmilhom il-kelma pulizija, f'moħħhom jiġi *superhero*. Din m'iniex qed nivvintaha, iżda nismagħha mingħand it-tfal li niltaqa' magħhom fix-xogħol tiegħi. Allura nistaqsi: f'dawn iż-żminijiet, iċ-ċittadin adult Malti meta jisma' l-kelma Pulizija Maltija x'jiġih f'moħħu? Aħna bħala membri ta' dan il-Korp x'nixtieqū li ċ-ċittadin jiġih f'moħħu meta jaħseb fuq pulizija? Jien naf x'nixtieq, u naħdem għal dak l-iskop, għall-ġid tal-Korp u l-membri tiegħu.

Tajjeb li niġbdu ħabel wieħed fix-xogħol li nagħmlu fid-dipartimenti rispettivi tagħna.

INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Fl-ewwel ġurnata tas-sena, il-Ministru Carmelo Abela flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Michael Cassar, żaru l-Għassa tal-Belt Valletta fejn saret konferenza stampa fuq dak li hu meqjus bħala l-itwal lejl ta' ħidma għall-Korp tal-Pulizija, il-lejl ta' lejlet l-Ewwel tas-Sena. F'din il-konferenza stampa, filwaqt li l-Onorevoli Ministru rringrazzja lill-pulizija tax-xogħol li sar sabiex il-pajjiż u ċ-ċittadini setgħu jgawdu dawn il-festi, spjega li l-attivitajiet għaddew u ma ġewx rappurtati inċidenti gravi.

Kemm il-Ministru kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija sellmu lill-pulizija li kienu preżenti u xogħol dak il-ħin fl-Għassa tal-Belt, fejn fosthom kien hemm uffiċjali għolja tal-Korp tal-Pulizija.

---

Fil-5, 6 u 7 ta' Jannar 2016 żaret lis-Sezzjoni tal-Forensika fi ħdan il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, delegazzjoni magħmula minn tlett uffiċjali li jaħdmu fin-*Netherlands Forensic Institute fl-Olanda*. Huma ntlaqgħu mill-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kmandant tal-Akkademja kif ukoll mill-Ispetturi Ryan Caruana u Charlot Casha.

Din iż-żjara saret minħabba li l-uffiċjali li jaħdmu fl-uffiċċju tas-*Scene of Crime* fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta se jingħataw kors fejn mistennija jispeċjalizzaw aktar fix-xogħol forensiku tagħhom. Waqt din il-laqgħa ġie deċiż li l-Akkademja tal-Pulizija f'Ta' Kandja hi l-post ideali fejn isir dan il-kors.

Iż-żjara kompliet fid-Dipartiment tal-Forensika, proprju fil-laboratorju, fejn hemmhekk iltaqgħu wkoll mal-pulizija li mistennija jattendu għal dan il-kors.



Nhar il-Ħadd, 3 ta' Jannar 2016, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, għall-għaxar sena konsekuttiva saret iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premijiet. Il-persuni ġew ippremjati mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Michael Cassar flimkien mal-Onorevoli Ministru Carmelo Abela.

F'din iċ-ċerimonja ġew ippremjati b'ċertifikat kif ukoll trofew numru ta' pulizija li bl-imġieba tagħhom iddistingwew ruħhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u ngħatat ukoll *shield* lil dik l-entità fil-Korp li rnexxielha tiddistingwi ruħha matul is-sena. Ingħataw ukoll ċertifikati ta' servizz flimkien ma' tifkira ta' apprezzament lil dawk l-eks membri tal-Korp li rtiraw bil-pensjoni mis-servizz wara li servew għal 25 sena jew aktar.

Din iċ-ċerimonja tkun mistennija l-iktar għax fiha jsir magħruf min hu dak l-uffiċjal li jkun ħa t-titlu ta' Pulizija tas-Sena. Dan il-premju mar għand PC 1188 Paul Cassar li bħalissa hu stazzjonat l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema.



Is-*shield* intrebħet mill-membri kollha tal-Korp għax-xogħol impekkabli li għamlu fl-impenji tagħhom fis-sena li għaddiet.

Nifirħu lill-membri kollha li rċevew xi premju jew ċertifikat u nawgurawlhom iktar suċċess fil-ħidma tagħhom.



INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

Nhar il-Ħamis 21 ta' Jannar, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Michael Cassar, flimkien mas-Supretendent Geoffrey Azzopardi laqgħu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, lill-Ministru Karmenu Abela biex miegħu jiddiskutu proġetti ffinanzjati b'fondi mill-Unjoni Ewropea. Preżenti wkoll waqt din il-laqgħa kien hemm is-Sinjura Stephania Sgandurra li hi persuna nkarigata li tieħu ħsieb il-fondi tal-Unjoni Ewropea fejn jidħol il-Korp tal-Pulizija, kif ukoll l-Ispettur Mario Haber mis-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni; l-Ispettur Ramon Cassar mid-Dipartiment tal-Forensika u l-Ispettur Pierre Minuti mis-Sezzjoni tal-IT.



Wara d-diskussjoni, il-persuni msemmija għamlu żjara qasira fl-uffiċini tal-IRU kif ukoll fid-Dipartiment tal-IT sabiex intwerew l-apparat kif ukoll programmi li ġew iffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni Ewropea.

---

Fis-27 ta' Jannar 2016 bejn is-sagħtejn u kwart ta' wara nofsinhar u t-tmienja ta' filgħaxija, seba' ġriewi twieldu ġewwa l-Kwartieri tas-Sezzjoni tal-Klieb, il-Mosta. L-omm u l-missier ta' dawn il-ġriewi huma wkoll parti mill-Korp tal-Pulizija. L-omm jisimha Kiva tar-razza *Belgian Shepherd*, hija mħarrġa fuq tfittixijiet ta' splussiv u l-missier li jismu Axe, ukoll tal-istess razza, huwa kelb addestrat għax-xogħol ġenerali tal-Pulizija.

Żgur li ħafna minnkom, xi darba jew oħra raw is-saħħa li għandu dan il-kelb meta jkun qed jieħu sehem f'xi wirja mis-Sezzjoni tal-Klieb waqt l-attivitajiet tal-Pulizija speċjalment dawk relatati ma` Jum il-Pulizija.




Dawn is-seba' ġriewi li ħamsa minnhom huma rġiel u tnejn nisa għalissa ngħataw l-ismijiet *Red, Blue, Yellow, Green, Brown, White* u *Pink* sabiex jintgħarfu minn xulxin u kull wieħed minnhom liebes kullar skont il-kulur ta' ismu. Il-kbir fosthom u allura l-ewwel wieħed li twieled kien *Blue.*

Id-dedikazzjoni tat-tliet surġenti PS 1182 Christopher Formosa, PS41 Matthew Attard u PS 1020 Patrick Magri u kif ukoll tal-kuntistabbli PC 1484 Joseph Cassar flimkien mal-kumplament tal-iskwadra tas-Sezzjoni tal-Klieb wasslet sabiex kemm l-omm kif ukoll il-ġriewi setgħu jingħataw l-attenzjoni meħtieġa u b'hekk kollha jinsabu b'saħħithom.

Fil-11 ta' Frar 2016, il-ġurnata li timmarka n-numru tal-Emerġenza 112 din is-sena ġie mfakkar b'mod kemmxejn differenti. Din is-sena, tfal mill-iskola primarja taż-Żejtun attendew għal nofstanhar attività fl-iskola Sekondarja Sir Thomas Moore iż-Żejtun. Għal din l-okkażjoni, membri mill-Korp tal-Pulizija, membri mill-Armata ta' Malta, mill-Protezzjoni Ċivili kif ukoll mid-Dipartiment tal-Emerġenza mill-Isptar Mater Dei, ingħaqdu flimkien sabiex din l-attività tkun possibbli. It-tfal urew entużjażmu kbir speċjalment mal-Pulizija, fejn ħadu gost jirkbu fuq il-mutur tat-Taqsima tat-Traffiku kif ukoll fil-vettura tar-*Rapid Intervention Unit*. Il-pulizija qassmu *stickers* kif ukoll fuljetti b'informazzjoni fuq in-numru tal-emerġenza 112.

Saret ukoll konferenza stampa mill-Ministru Karmenu Abela flimkien ma' Uffiċjali mid-Dipartimenti kollha msemmija hawn fuq. Il-Korp tal-Pulizija kien rappreżentat mill-Ispettur Graziella Buhagiar Muscat.

Waqt din l-attività ntwera filmat qasir li kien maħdum minn żewġ membri fi ħdan l-Uffiċċju tas-CMRU. Dan il-filmat jinsab fuq il-paġna *facebook The Malta Police Force*.









INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

Nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2016, grupp ta' 19-il pulizija bdew kors ta' tliet ġimgħat fl-*Institute of Tourism Studies* wara li wrew ix-xewqa li jagħmlu xogħol speċjalizzat fit-turiżmu. Fl-ewwel sessjoni kien hemm preżenti wkoll il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Michael Cassar kif ukoll is-Sur Pierre Fenech, Direttur Eżekuttiv tal-ITS.



F'dan il-kors, fost informazzjoni oħra, l-uffiċjali mistennija jitħarrġu fuq l-arkeoloġija u l-istorja ta' Malta sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-aħjar servizz lit-turist li se jkun qed iżur pajjiżna matul is-sena b'mod partikulari fl-istaġun tas-Sajf. Wara dan il-kors ta' tliet ġimgħat, il-pulizija ser jattendu għal ġimgħa oħra fl-Akkademja tal-Pulizija fejn ser jitħarrġu fuq *tourism-oriented policing.*

Din hi l-ewwel darba li pulizija li ser jingħataw dan it-taħriġ se jkunu akkreditati b'ċertifikat ta' MQF level 4. Ladarba jiggradwaw, dawn il-pulizija se jkunu assenjati f'postijiet l-aktar frekwentati mit-turisti.



---

Waqt attività fis-Sala Vilhena nhar id-29 ta' Frar 2016, madwar 80 mużiċist, kantanti, inġiniera u preżentaturi ngħataw ċertifkat u tifkira bħala rikonoxximent tas-servizz li taw lill-Banda tal-Korp waqt iċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-200 anniversarju tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.



F'diskors tal-okkażjoni, il-Kummissarju, is-Sur Michael Cassar, semma' d-diversi taqsimiet li jagħmlu parti mill-Korp tal-Pulizija, fejn fost dawn it-taqsimiet qal li hemm il-Banda, li għandha rwol importanti ħafna fir-relazzjonijiet pubbliċi tal-Korp. Hu temm isemmi l-frażi 'Min-nies għan-nies', li kienet marbuta maċ-ċelebrazzjonijiet li saru fl-istess anniversarju u qal li din il-frażi tibqa' tgħodd mhux għal dik is-sena biss, iżda dejjem.

Wara l-għoti taċ-ċertifikati sar riċeviment tal-okkażjoni fis-Sala San Mikiel.

magazine.police@gov.mt

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Klieb ġodda għat-Taqsima tal-Klieb tal-Pulizija

minn PS 1182 Christopher Formosa - Sezzjoni tal-Klieb

Merħba ħbieb, nilqagħkom għal darb' oħra f'din ir-rokna dedikata lis-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija. F'din l-edizzjoni se nitkellmu fuq erba' klieb ġodda li nxtraw mir-Repubblika Ċeka f'Settembru tas-sena l-oħra.




**Odin – Imħarreġ fuq l-isplussiv - (PC597)**

Dawn il-klieb inxtraw minn fondi mogħtija mill-HSBC Malta u mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta lis-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija fejn l-istess fondi ngħataw fuq bażi ta' *sponsor* għal ħames snin.

L-iskop ta' dawn il-klieb kien li jiġu mħarrġa bħala klieb tat-tfittxija kemm bħala klieb li jintużaw għat-tfittxija tad-droga u saħansitra biex jintużaw għat-tfittxija tal-isplussiv.

Għaldaqstant, jien flimkien mas-Surġent Matthew Attard tlajna r-Repubblika Ċeka biex nagħżlu dawn il-klieb minn fost diversi klieb oħra. Madankollu, fejn jidħol ix-xogħol tat-tiftix hemm diversi fatturi li wieħed għandu jżomm f'moħħu meta jiġi biex jagħżel kelb. Fost dawn il-fatturi, l-aktar importanti huma l-età, li jkollu motivazzjoni bilanċjata u li jkun kapaċi juża mnieħru b'mod effiċjenti.

Forsi xi wħud minnkom se jgħiduli li nsejt fattur importanti ħafna; ir-razza. Fil-verità dan hu kunċett vast ħafna u tajjeb li ngħidu li għalkemm ir-razza tal-kelb tilgħab parti importanti ħafna b'mod speċjali fejn jidħol is-sens tax-xamm, wieħed ma jistax jeskludi razez oħra, għax kull kelb għandu l-kapaċitajiet tiegħu. Eżempju ta' dan hu li fil-każ tagħna ġieli ltqajna ma' klieb li jkunu ġejjin minn razez differenti *crossbreeds* li jkollhom sens tax-xamm impekkabbli.




**Atos – Imħarreġ fuq id-droga - (PC615)**

Min-naħa l-oħra tajjeb ngħidu li ċerti tip ta' razez bħal ngħidu aħna l-*gun dogs* ġew speċifikament maħluqa b'dak li jissejjaħ *selective breeding* tul diversi ġenerazzjonijiet u għalhekk is-sens tax-xamm jaf ikun iktar b'saħħtu minn dak ta' klieb oħra għassempliċi raġuni li primarjament dawn ġew maħluqa sabiex jassistu lill-kaċċatur ifittxu u jiġbru l-għasafar.

Għaldaqstant l-għażla tagħna marret fuq tliet klieb ta' razza *Belgian shepherd*, u wieħed *German shepherd*. Tajjeb ngħidu li dawn il-klieb ma ġewx mixtrija mħarrġa u għalhekk it-taħriġ tagħhom sar hawn Malta flimkien mal-*handlers* tagħhom.

Dawn tħarrġu: tnejn fuq it-tiftix tad-droga u tnejn fuq it-tiftix tal-isplussiv, fejn ġew assenjati lil PC588 Peter Camilleri, PC262 Marco Agius, PC597 Mariano Bonello u PC615 Duncan Barbara.




Piccolo– Imħarreġ fuq id-droga - (PC262)

Għal-lum naħseb li apparti li kellna l-opportunità li nintroduċu dawn il-klieb il-ġodda, erġajna ħadna l-opportunità biex nolqtu ħafif diversi aspetti fuq it-tip ta' klieb li jistgħu jintużaw fix-xogħol tat-tiftix. Fl-edizzjonijiet li ġejjin nistgħu nibdew nitkellmu fuq suġġett importanti ħafna; li hu kif jitgħallem kelb. B'hekk wieħed ikun jista' jifhem aħjar id-diversi modi ta' kif jitgħallem kelb u kif wieħed għandu jgħallem lill-kelb tiegħu.




Nero– Imħarreġ fuq l-isplussiv - (PC588)

Sadanittant, jekk ikun hemm xi ħadd li jkun jixtieq aktar informazzjoni dwar xi suġġett li hu relatat ma' din is-Sezzjoni, jista' f'kull ħin iċempel fuq 2294 3572.

christopher.a.formosa@gov.mt

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Il-Malta Police Fund u l-Kontijiet l-Oħra

Mis-Supretendent Ian Joseph Abdilla u PC 731 Keith Vella - Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi

F'Ottubru 2015, il-Kummissarju tal-Pulizija talab lill-Iskwadra ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi biex tagħmel eżerċizzju rigward il-kontijiet bankarji li jaqgħu direttament taħt ir-responsabbilta' tiegħu. Dan l-eżerċizzju kien jikkonsisti fl-evalwazzjoni ta' kull kont bankarju u analiżi tad-dħul u ta' l-ispejjeż. Dan l-eżerċizzju nbeda mill-1 ta' Jannar 2015 u kien jikkumplimenta investigazzjoni li għaddejja bħalissa mill-*Internal Audit and Investigations Department* u li ġiet mitluba mill-Kummissarju tal-Pulizija stess. Finalment, dan l-eżerċizzju wassal biex għall-ewwel darba jinħarġu sett ta' *accounts* tal-*Malta Police Fund*, liema *accounts* se jiġu wkoll awditjati mill-Uffiċċju ta' l-Awditur Ġenerali.

Meta nbeda dan l-eżerċizzju, l-Kummissarju kellu tnax–il kont bankarju ma' bank lokali. Dawn il-kontijiet kienu nfetħu għal funzjonijiet diversi. Fost dawn il-kontijiet hemm il-*Malta Police Fund*, l-*Other Ranks Canteen Fund*, il-*Malta Police Fund Publication Account*, il-*Good Friday Display Fund*, il-*Crash Barriers Account* u l-V*ending Machines Account*. Dawn il-kontijiet imsemmija għadhom jintużaw. Is-sitt kontijiet l-oħra ġew magħluqa u l-bilanċi tagħhom ġew trasferiti ġol-*Malta Police Fund*.

Il-*Malta Police Fund* huwa dak il-kont fejn jiġu depożitati l-kontribuzzjonijiet li kull membru tal-Korp iħallas kull tliet xhur. Dawn il-fondi jiġu utilizzati biex jiffinanzjaw spejjeż li ma jkunux koperti mill-baġit allokat lid-Dipartiment tal-Pulizija kull sena mill-Gvern Ċentrali. Dawn l-ispejjeż ġeneralment ikollhom x'jaqsmu ma' attivitajiet soċjali u funzjonijiet oħra bħal attivitajiet tal-*Police Day* u riċevimenti tal-Milied organizzati mill-Korp. Dan jinkludi wkoll il-kontribuzzjoni li l-Kummissarju jagħti għar-riċevimenti tal-Milied li jsiru mid-diversi branki u distretti. Minn dan il-fond jinħarġu wkoll donazzjonijiet li l-istess Kummissarju jagħti lill-qraba tal-pulizija mejtin, kemm dawk pensjonanti u kemm dawk li jmutu waqt li jkunu għadhom fis-servizz, dak li ħafna jirreferu għalih bħala l-*Mutual Help*.

Huwa important ferm li wieħed jispeċifika kemm kull Membru tal-Korp iħallas bħala kontribuzzjoni kull tliet xhur. Dawn jikkonsistu f'erba' ammonti differenti. Kull uffiċjal sal-grad ta' Surġent Maġġur iħallas €13.98, Spetturi jħallsu €20.96, Supretendenti jħallsu €21.66 u minn Assistent Kummissarju 'l fuq il-ħlas ikun ta' €23.41 kull tlett xhur. L-ammont li jeċċedi t-€13.98 li jitħallas minn spettur 'l fuq jiġu mgħoddija lill-*Malta Police Officers Mess Committee*. Dan il-kumitat huwa indipendenti mill-Korp tal-Pulizija u ma jaqax taħt l-uffiċċju tal-Kummissarju.

Sa Frar 2015, l-ammont ta' €13.98 bħala kontribuzzjoni kienet tiġi maqsuma fi tlett ammonti distinti. L-ammont ta' €6.99 kien ikun allokat għall-funzjonijiet tal-*Police Day* u tal-Milied, €3.50 kien ikun allokat għad-donazzjoni li l-Kummissarju jgħaddi lill-qraba tal-Membri tal-Korp jew pensjonanti li jkunu mietu f'dik is-sena, u €3.49 kien ikun allokat bħala kontribuzzjoni lill-*Malta Police Association* (MPA), li wkoll kienet indipendenti mill-Korp tal-Pulizija. Minn Frar 2015, meta daħal id-dritt li l-membri tal-Korp setgħu jissieħbu ma' *trade union*, dan l-ammont ma baqax jingħata u baqa' jinżamm fil-*Malta Police Fund*.

Pulizija pensjonanti għandhom l-għażla li meta jirtiraw mill-Korp jibqgħu jħallsu l-ammont ta' €13.98 kull sena, liema kontribuzzjoni tmur għad-donazzjoni li l-Kummissarju jgħaddi lill-qraba tagħhom wara mewthom.

Sa l-aħħar ta' Diċembru 2015, il-Kummissarju tal-Pulizija kien jagħti donazzjoni ta' €3,144.65 lill-qraba tal-pulizija li jmutu waqt li jkunu għadhom iservu fil-Korp, u €1,560.68 lill-qraba ta' pulizija pensjonanti u kuntistabblijiet ta' riserva.

Bħala parti mill-eżerċizzju ta' evalwazzjoni, ġie stabbilit li sfortunatament din il-kontribuzzjoni lejn il-*Mutual Help* m'għadhiex sostenibbli. Eżempju żgħir, jekk wieħed jikkalkula li uffiċjal jikkontribwixxi s-somma ta' €14.00 kull sena (€3.50 kull tliet xhur), liema somma tibqa' tiġi mħallsa għal sittin sena, dan l-istess uffiċjal ikun ikkontribwixxa total ta' €840. Dan l-ammont huwa ferm inqas minn dak li l-fond qiegħed joħroġ kif spjegat iktar qabel. Instab li jekk din is-sitwazzjoni ma tiġix indirizzata, il-*Malta Police Fund* jispiċċa f'pożizzjoni li ma jkunx kapaċi jħallas iktar l-obbligi kollha tiegħu fi żmien sentejn. Sfortunatament fil-passat din il-ħaġa ma kinitx qiegħda tingħata l-importanza neċessarja.

Għalhekk, biex tiġi rranġata kemmxejn is-sitwazzjoni ta' dan il-fond, il-Kummissarju tal-Pulizija ħa diversi passi biex jikkontrolla n-nefqa f'dan il-fond. Fost affarijiet oħra, tnaqqsu l-ispejjeż għar-riċevimenti li jsiru fil-Milied u fil-*Police Day*. Fi Frar 2016, saret laqgħa bejn il-Kummissarju u ż-żewġ *unions* li jirrappreżentaw lill-Membri tal-Korp, fejn ġiet spjegata s-sitwazzjoni fir-rigward ta' dan il-fond. Ġie deċiż ukoll li, filwaqt li d-donazzjoni li l-Kummissarju jgħaddi lill-qraba tal-membri li mietu sa l-aħħar ta' Diċembru 2015 tibqa' kif kienet, il-qraba tal-pulizija li jmutu wara l-1 ta' Jannar 2016 jibdew jirċievu s-somma ta' €3,000 għal dawk li jkunu għadhom fis-servizz, u €1,000 lill-qraba tal-pensjonanti u uffiċjali riservisti.

Dawn il-miżuri għandhom itaffu xi ftit mill-ispiża ġenerali ta' dan il-fond biex dan l-istess fond jibqa' jkun sostenibbli fil-futur.

Fl-aħħar tas-sena 2015, il-Kummissarju ddeċieda li jinfetaħ kont bankarju ġdid bl-isem *Solidarity Fund*. Dan sabiex jiġu depożitati fondi miġbura waqt attivitajiet sportivi u oħrajn għall-karita' mill-membri tal-Korp.

magazine.police@gov.mt

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Il-*Bullying* fil-Post tax-Xogħol

minn Stelmart Khalil - ESP Unit Co-Ordinator Employee Support Programme Unit

L-appoġġ bejn il-kollegi fil-post tax-xogħol hu fundamentali. Hu essenzjali jkunu żgurati s-sigurtà tal-membri tal-pulizija kif ukoll *teamwork* effettiv u l-appoġġ għall-uffiċjali. Meta l-uffiċjali tal-pulizija ma jkunux fdati jew mhux ikkunsidrati b'mod pożittiv mill-pubbliku, jistgħu jispiċċaw vittmi ta' *bullying* mill-komunità. Kultant anke meta l-uffiċjali jkunu *off-duty* ma jħossuhomx li jistgħu jirrilassaw kompletament minħabba l-biża' ta' riżentiment li xi membru tal-komunità jista' jkollu. Għaldaqstant, hu importanti li l-uffiċjali tal-pulizija jappoġġjaw lil xulxin minn ħsara fiżika u psikoloġika. Sfortunatament mhux kulħadd iqis dan bħala bżonn essenzjali, u l-pulizija jistgħu jkunu vittmi ta' *bullying* minn kollegi tagħhom stess.

Modi differenti ta' kif il-*bullying* jista' jiġi manifestat fil-post tax-xogħol jinkludu akkużi ta' inkompetenza, umiljazzjoni, li wieħed jiġi mwarrab, tixrid ta' qlajjiet, jew li wieħed ma jiġix trattat daqs il-kollegi l-oħra. Barra minn hekk, persuna li tkun għaddejja minn *bullying* fil-post tax-xogħol tista' tħossha iżolata jew ma tippartecipax fl-attivitajiet tas-soltu tax-xogħol. F'ċerti każi, il-*bullying* jista' jsir permezz ta' tixrid ta' xnigħat u l-iżolazzjoni bil-mod il-mod tal-persuna fil-mira, tant li meta din il-persuna jkollha bżonn l-għajnuna, l-appoġġ ikun jew ftit wisq, jew ma jkun hemm xejn. Il-*bullying* jista' jwassal għal emozzjonijiet persistenti ta' ansjetà u tensjoni li jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tal-individwu fix-xogħol. Il-persuna li tkun għaddejja minn *bullying* tista' tħoss li m'għandhiex appoġġ mingħand il-kollegi tagħha peress li l-kollegi nfushom jistgħu jkunu mbeżżgħin mill-*bully* nnifsu.

Il-*bullying* jista' jkollu effetti mhux biss fil-post tax-xogħol iżda wkoll fuq il-ħajja personali tiegħek. Għandek mnejn tħossok ma tiflaħx qabel ix-xogħol, li qed tqatta' inqas ħin mal-familja jew il-ħbieb, ikollok problemi ta' saħħa relatati mal-istress, bħal pressjoni għolja, tħossok imbarazzat li persuna oħra jista' jkollha dan l-effett fuqek u tħossok responsabbli għal dak li qed jagħmillek il-*bully*, tieħu l-*leave* biex tieħu *break* mill-abbuż kontinwu, tħossok għajjien jew imdejjaq u dak kollu li qabel kont tieħu gost tagħmel, ma jibqax jogħġbok.

Jista' jkun li ma ndunajtx li int vittma ta' *bullying* fil-post tax-xogħol u tkun ridt sempliċement turi kemm inti sod quddiem sitwazzjonijiet negattivi u kundizzjonijiet tax-xogħol li mhumiex favorevoli. Sfortunatament, li tkun tajjeb f'xogħlok u li tkun sod biżżejjed biex tirreaġixxi għall-*bullying* tista' tkun ir-raġuni li tkun fil-mira tal-*bully*. Hu komuni li l-*bullies* jagħżlu li jaqbdu ma' dawk li jħossu li jistgħu jkunu ta' theddida għalihom u għax ikollhom personalità abbużiva. Għaldaqstant m'għandekx għaliex tħossok ħati li tkun *bullied*.

Ir-riċerka turi li l-individwi li jkunu fil-mira tal-*bullying* huma indipendenti, maħbubin mill-oħrajn fil-post tax-xogħol u huma persuni li tipikament ikunu jridu dejjem jgħinu, jgħallmu u jħarrġu lill-oħrajn. Minħabba l-insikurezzi li jkollhom huma stess, il-b*ullies* jieħdu fil-mira lil dawn l-individwi biex jirriflettu l-atteġġjament negattiv li jkollhom lejhom infushom, fuq il-persuna li jkunu mmiraw. Peress li l-individwu mmirat jista' ma jirreaġixxix għall-atteġġjament tal-*bully* bl-istess mod, il-vittmi jsiru miri iżjed faċli peress li l-imġiba tal-*bully* ma tiġix ikkastigata.

Kultant jista' jkun hemm kundizzjonijiet tax-xogħol li jwasslu għall-*bullying*. Pereżempju meta jkun hemm kultura tax-xogħol ta' kompetizzjoni, l-impjegati jkunu mġiegħla jkunu kontra xulxin, tant li jispiċċaw ikollhom joħduha kontra xulxin biex ikunu kapaċi jibqgħu għaddejjin fil-post tax-xogħol.

Il-*bullying* jista' jaffettwalek is-saħħa fiżika u mentali. Hu importanti ferm li tkun taf li jeżistu soluzzjonijiet li tista' tuża biex jgħinuk tibqa' għaddej fis-sitwazzjoni diffiċli li tkun għaddej minnha. Tista' tibda billi tieħu xi ftit *leave* biex tiċċekkja s-saħħa mentali tiegħek u tkun ċert li inti f'saħħtek u sod biżżejjed biex tieqaf lill-*bully*. Jista' jkollok bżonn ukoll tissorvelja s-saħħa fiżika tiegħek biex tiċċekkja jekk għandekx sintomi ta' stress li jeħtieġu li jiġu indirizzati. Fl-aħħarnett, iżda mhux l-inqas, hemm bżonn li taħseb dwar pjan ta' azzjoni li jgħinek tindirizza s-sitwazzjoni ta' *bullying* fil-post tax-xogħol. Tista' tikkunsidra li tirrapporta lill-*bully*, tiftaħ qalbek mas-superjur tiegħek jew ma' xi ħadd fid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani dwar din is-sitwazzjoni sabiex ikunu jistgħu jiggwidawk biex tieħu l-azzjoni amministrattiva neċessarja.

Jekk għaddej minn xi diffikultajiet li qed jaffettwawlek il-ħajja personali u/jew professjonali, l-appoġġ u l-*counselling* jistgħu jgħinuk biex tħossok aħjar u ma tinqatax għalik waħdek. Għal iktar informazzjoni u appoġġ jew biex tagħmel appuntament, ikkuntattja lill-*Employee Support Programme* billi ċċempel fuq 2200 1210 jew tibgħat *e-mail* f'dan l-indirizz: esp.opm@gov.mt.

magazine.police@gov.mt

# INTENIONALLY LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Kumpens adegwat għas-sahra 1993-2009

minn PS 612 Theo Vella – Viċi President POU-GWU

## Minn fejn tlaqna

Bħalma ħafna minnkom diġà tafu din il-kwistjoni tas-sahra dovut tmur lura għal bosta snin. F'Ġunju tal-1993 kien sar ftehim u aktar tard ħarġet ċirkolari bin-numru 63/93 li fost affarijiet oħra kienet tgħid ċar li dawk il-membri tal-Korp li jaħdmu aktar minn 46 siegħa kellhom jitħallsu bir-rata tas-sahra ta' dak iż-żmien. Kien evidenti li min kien qed jilleġisla l-pajjiż dak iż-żmien kellu f'moħħu li l-amministrazzjoni tal-Korp tibda proċess biex il-membri tal-Korp jibdew jaħdmu kollha l-istess ammont ta' sigħat u s-sahra ssir biss fejn ikun hemm in-neċessità. Naturalment dan sar għax kienet qed issir diskriminazzjoni bejn min kien f'sezzjoni u min kien f'oħra. Kellek ħaddiema jaħdmu 46, 55, 60 u saħansitra min kien jaħdem madwar 80 siegħa fil-ġimgħa u kollha jitħallsu l-istess. Naturalment min kien jaħdem l-aktar kien imiss aktar mal-Ħdud u ta' lanqas kien jitħallas tal-Ħdud li ħadem.

Filwaqt li kull meta Gvern jimplimenta xi deċiżjoni dejjem ikollok perjodu tranzitorju, għaldaqstant ħadd ma jippretendi li dak li jkun ħareġ bil-miktub illum ikun fil-prattika l-għada. Mill-banda l-oħra lanqas għandu jfisser li proċess idum 16-il sena fuq xi ħaġa bħalma kienet il-kwistjoni tas-sigħat żejda li konna qed naħdmu. Grazzi għall-opportunità li tagħtini l-GWU qed nosserva li f'kull post tax-xogħol huwa naturali li jekk min iħaddem ma jkollux ċerta pressjoni fuqu jipprova jieħu aktar minn dak li huwa mistenni mill-ħaddiema. Dan, saħansitra anke jekk dak mistenni mhux biex ma jkunx f'xi ftehim kollettiv jew b'liġi. Mingħajr ma noqgħod nidħol f'ħafna kritika lejn min kien suppost qed jissalvagwardja d-drittijiet tal-Pulizija dak iż-żmien, kien evidenti li l-amministrazzjoni tal-Korp kienet komda tkaxkar saqajha għax ħadd m'għamel il-pressjoni meħtieġa. Spiċċajna f'sitwazzjoni li l-Gvern tal-1993 ta direzzjoni ċara u l-amministrazzjoni tal-Korp implimentaha fis-sena 2009. Naturalment il-prezz ta' dan it-tkaxkir tas-saqajn ħallsu għalih il-membri tal-Korp.

## Fejn ninsabu llum

Illum qegħdin f'sitwazzjoni li legalment mhux possibbli li nieħdu ebda forma ta' azzjoni fil-konfront tal-Gvern jew l-amministrazzjoni tal-Korp f'dan ir-rigward Qed nibbażaw biss fuq wegħda elettorali li għamel il-Gvern preżenti fejn wiegħed li ser jagħti kumpens adegwat għas-sigħat żejda li l-membri tal-Korp ħadmu bejn l-1993 u l-2009. Kumpens adegwat ma jfissirx li l-membri ser jitħallsu siegħa b'siegħa għal dak kollu li ħadmu għalih, iżda jfisser li l-gvern fehem l-inġustizzja li l-membri għaddew minnha fil-passat u ser jiffinanzja somma biex itaffi xi ftit din l-inġustizzja. Moralment nemmen li mhux biss għandna nitħallsu tas-sigħat żejda li ħdimna, iżda għandna noħduhom bl-interessi wkoll. Pero` rridu nkunu realistiċi u ladarba ma tteħdux il-passi neċessarji meta konna għadna fiż-żmien opportun ikollna naħdmu biex nipperswadu lill-gvern sabiex navviċinaw kemm nistgħu s-somma dovuta.

Il-POU-GWU dan l-aħħar organizzat żewġ laqgħat, waħda f'Malta u oħra f'Għawdex, sabiex ġiet diskussa din il-materja. Fiż-żewġ laqgħat, li għalihom kien hemm attendenza mdaqqsa, kellna l-opportunità nisimgħu l-fehmiet tagħkom fuq dan is-suġġett. Minnhom ħareġ ċar li l-maġġoranza assoluta tal-membri fehemu li aktar ma nippruvaw infittxu x-xagħra fl-għaġina aktar ser indumu biex din il-kwistjoni nagħlquha darba għal dejjem. Huwa fl-interess tagħna lkoll li din il-kwistjoni tingħalaq f'din il-leġislatura ladarba kienet wiegħda fil-manifest elettorali 2013-2018.

## Fejn irridu mmorru

Wara li l-gvern jikkwantifika s-somma tal-kumpens li lest jgħaddilna rridu nsibu l-aħjar mod u f'liema perjodu għandu jitqassam dan il-kumpens. Għalhekk, flimkien irridu naslu għal sistema sempliċi u ġusta kemm jista' jkun. Fil-laqgħat li kellna, diġa` kien hemm ammont ta' proposti min-naħa tagħkom u ta' dan ħadna nota sabiex meta niġu għan-negozjati noħduhom kollha inkonsiderazzjoni. Kif diġa' għidnielkom fil-laqgħat, dawn kienu biss l-ewwel minn sensiela ta' laqgħat li rridu nagħmlu magħkom. Nemmnu li aħna għandna nkunu l-vuċi tal-ħsibijiet tagħkom. Il-gvern jidher determinat li jżomm din il-wiegħda pero` issa sta għalina li nissimplifikawha kemm jista' jkun.

tvella@pow-gwu.org.mt

*Il-Union Indipendenti Tiegħek*

# Malta Police Association

mill-Ispettur Frankie Sammut

Issa li għaddiet sena minn meta ngħatalna d-dritt li l-istat tal-assoċjazzjoni seta' ġie elevat għal dak ta' *union*, fl-aħħar nistgħu ngħidu li l-istruttura tal-Assoċjazzjoni nbniet fuq sisien sodi u għadha qed tkompli tinbena u tiżviluppa sabiex tkompli tadatta ruħha għaċ-ċirkustanzi li jinbidlu mal-medda taż-żminijiet. Bla dubju li din kienet sena impenjattiva għall-MPA, u dan għax filwaqt li l-Assoċjazzjoni kompliet tagħti l-assistenza tagħha lil kull membru fi ħdanha u qiegħda dejjem tkompli tissaħħaħ, l-Assoċjazzjoni kellha tibqa' kontinwament għaddejja bil-ħidma sabiex il-kundizzjonijiet fil-Korp ikomplu jitjiebu kif ukoll kellha tiġi esplorata l-possibbiltà tal-modi kif l-Assoċjazzjoni li intom qegħdin tinvestu fiha, tkompli tiftaħ u tgħolli l-vuċi tagħha.

Kif diġà ħabbarnielkom, illum l-MPA hi membru mal-ikbar konfederazzjoni fl-Ewropa li tħaddan fiha l-maġġoranza tal-*Unions* tal-Pulizija Ewropej -- il-*EuroCOP*. Is-sħubija tal-Assoċjazzjoni f'din l-entità hi kumplimentari mal-viżjoni li għandha l-Assoċjazzjoni għall-Korp, li dan jitla' fuq livelli ewropej, kemm fil-kundizzjonijiet u l-opportunitajiet tal-ħaddiema fi ħdanu, kif ukoll fuq il-professjonalità, edukazzjoni u servizz ta' kwalità għolja lis-soċjetà li aħna nservu.

Il-ħtieġa li l-vuċi tal-MPA tkompli tissaħħaħ ma nħassitx biss għal barra minn xtutna, iżda wkoll lokalment. Kien proprju għalhekk li bħalissa għaddejjin diversi taħditiet għal dan l-iskop. Fil-fatt l-MPA talbet informazzjoni lill-FORUM kif ukoll lis-CMTU biex tiġi evalwata l-possibbiltà li l-MPA tingħaqad magħhom. Tajjeb ngħidu li dawn iż-żewġ entitajiet jiġbru fihom għadd ta' *Unions* Maltin li jaħdmu, jikkooperaw kif ukoll jgħinu lil xulxin fejn tkun il-ħtieġa.

Bi pjaċir inħabbrulkom ukoll li l-uffiċċju tal-MPA fl-aħħar qed jerġa' jkun miftuħ għall-membri. Dan seta' jseħħ biss wara proċess sħiħ għall-għażla ta' persuna sabiex tkun assenjata mal-MPA. Kienet deċiżjoni tal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv, t'umiltà kif ukoll għall-preservazzjoni tal-integrità tal-istess Assoċjazzjoni li għaliha huma lkoll jaħdmu u jirsistu, illi l-ebda wieħed minnhom ma kellu jkun hu li jiġi assenjat biex jiġi assenjat dan ir-rwol fl-uffiċċju. Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv ma daħlux għal din il-kariga għal skop ta' gwadann personali jew sabiex ikunu aġevolati b'xi mod. Għaldaqstant il-Kumitat Eżekuttiv iddeċieda li tingħażel persuna li tkun biss membru mal-MPA. Il-bniedem magħżul huwa Clayton Silvio (PC812) li hu bniedem b'kariżma, enerġija u integrità kbira. Hu bniedem ta' esperjenza u li okkupa rwoli varji matul l-għaxar snin ta' karriera tiegħu fil-Korp kif ukoll bi sfond akkedemiku u legali, fejn is-sena li għaddiet iggradwa bħala Nutar. Sa minn meta daħal fl-uffiċċju bil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv f'Diċembru li għadda, ix-xogħol diġà wera kambjament kbir. Minn qalbna nawgurawlu ħidma sfiqa.

Fix-xhur li ġejjin, l-MPA ser tniedi *website* ġdida, fejn il-membri tagħna jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni aktar faċli kif ukoll isemmgħu leħinhom b'bosta mezzi inkluż permezz ta' *online polls*. Madanakollu, l-MPA qed tistaqsi lill-membri tagħha sabiex jekk hemm xi ħadd li għandu xi ideat dwar x'għandu jkun hemm f'din il-*website*, jew li jista' jkun t'għajnuna, għandu jagħmel kuntatt ma' xi membru tal-Kumitat Eżekuttiv. Aħna lesti biex nilqgħu l-proposti u l-għajnuna tagħkom.

Infakkarkom li l-Assoċjazzjoni qiegħda hemm għas-servizz tagħkom. Intom ilkoll mistiedna li tavviċinawna fil-bżonnijiet u d-diffikultajiet li tiltaqgħu magħhom fil-post tax-xogħol, kif ukoll bl-ideat li jista' jkollkom, biex flimkien inkomplu ngħollu isem il-Korp.

http://www.mpa.org.mt

INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# *ERASMUS+ Enriching Our Law Enforcement Skills Via Training*

Counter Terrorism Unit

The Malta Police Force, through the Counter Terrorism Unit (CTU), has successfully applied for funding under the Erasmus+ Project.

CTU personnel have consequently been participating in the Erasmus Project entitled Enriching Our Law Enforcement Skills Via Training, whereby participants have been given the opportunity to work with and learn from two foreign counterparts between June and September 2015.

For the participants, it was essential to understand how our foreign counterparts operate when countering terrorism, the main steps of a criminal investigation into a terrorism offence, as well as new techniques that can be adopted in day-to-day duties and when dealing with any problems.

Of great interest were the project's training sessions, which have assisted CTU personnel with better understanding the phenomenon of terrorism, intelligence collation and analysis, covert surveillance and ancillary matters.

Each participant had also discussed important issues such as: Open sources and social network analysis, human source management, legal and organisational forms of preventing and fighting against terrorism, multilateral platform of police cooperation, Islamist issues, the intelligence cycle, analysis phase and methods and the present day in terrorism (especially in Europe).

The collaboration and hospitality of our foreign counterparts was also highly appreciated. Partners were chosen based on vast experience in both domestic and international counter-terrorism. One of our foreign counterparts was involved in training and technical assistance to various police organisations in order to improve their skills in combating terrorism, extremism and radicalisation. Moreover, job shadowing with the other foreign counterpart was an opportunity for CTU personnel to witness and benefit from the knowledge and vast experience gained in the Criminal Police Training School. Participants also had the opportunity to gain insight into its core functions while being exposed to professional workplace etiquette, attire and practices.

The Erasmus+ project was without a doubt of vital importance to CTU personnel, especially when bearing in mind past challenges on an international scale, such as the Valletta Summit and CHOGM 2015. These together with the forthcoming EU presidency 2017 and Valletta 2018.

Overall, CTU personnel are extremely satisfied with having been part of the Erasmus+ Project and would strongly recommend participation to any entity if the opportunity arises. Moreover, they would also like to take this opportunity to thank the Commissioner of Police for giving them this opportunity together with the EUPA personnel for guiding them through all stages.

magazine.police@gov.mt













## Attivitajiet fi żmien il-Milied

## Festin tat-Tfal



































## Attivitajiet fi żmien il-Milied

## Quddiesa ta' Nofsillejl


















BOV
26.12.2015
L-ISTRINA 2015
€ 7,776.39
Malta Police
FORCE


STAY IN
LANE













INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Il-laqmijiet mezz ta' identifikazzjoni

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Ma nafux eżattament meta, kif u fejn twieled il-laqam. Iżda nafu li ġej mit-tradizzjoni lingwistika semitika. Fil-fatt il-kelma *laqam* ġejja min-nom Għarbi *laqab* li għandha wkoll żewġ tifsiriet. L-ewwel waħda tista` tfisser kunjom, ġeneralment b'relazzjoni mal-missier jew mal-ulied.

Fil-fatt, ċerti laqmijiet ħarġu mill-istess kunjomijiet, kif ħarġu ukoll xi kunjomijiet mil-laqmijiet. Tista' tfisser ukoll għal meta tkun qiegħed tirreferi għal xi ħadd minħabba ċerti karatteristiċi li jkollu, tendenzi jew xi partikularità oħra. Għalkemm f'ċerti każi, il-laqam ikun jinstema' b'mod dispreġjattiv… mhux dejjem, anzi ngħid, mhux neċessarjament. Ikun biss għall-mod ta' kif soltu niddeskrivu l-persuni.

**L-iżvilupp tiegħu serva sabiex jiġu identifikati l-persuni, għaqdiet u postijiet.**

Barra dawk personali nsibu l-ġeneru ta' laqmijiet li jagħtu lil ċerti għaqdiet, bliet u rħula, bħal ngħidu aħna: għal tal-għaqdiet insibu l-laqmijiet; 'tal-Qalba', 'tal-Għama', 'tal-Iljun' u għal dawk tal-ibliet u l-irħula nsibu bħal dawk 'Ta' Baħarhom', 'Tas-Sikkina', 'Tal-Midjunin' u ħafna oħrajn. Wara kull laqam dejjem hemm raġuni jew rakkont ġej minn xi tradizzjoni antika marbuta mal-post jew l-identità tiegħu.


6 pm. Carmelo ... aged 45, son of the late Giovanni "tal Crozz". C. Zobbar
For having carried a knife with a pointed blade without a licence from the Police
Witness
P.C. 148 S. Bugeja

Modi oħra ta' kif setgħu tnisslu dawn il-laqmijiet hu permezz ta' ċerti verbi u nomi f'kuntest onimatopejku; ewfemiżmi u aġġettivi oħra. Il-Malti għandu ġabra ġmielha minnhom dawn, ħelwin u interessanti, li ta' min iżommhom għal aktar studju qabel jintesew.

Laqmijiet oħra ħarġu tipikament bħal dan il-laqam li hu eżempju tassew interessanti għall-mod ta' kif inħoloq. Ħafna jassoċjawh ma' isem ta' ditta tax-xorb lokali, iżda ftit li xejn jafu minn fejn oriġina. Dan il-laqam inħoloq minn korruzzjoni jew tagħfiġa ta' kelma li kienet daħlet mill-Ingliż lejn nofs is-seklu dsatax; meta l-Maltin ta' dak iż-żmien kienu ppruvaw jgħidu l-kelma 'cheque' b'fonetika Maltija; 'iċ-ċik' jew għal aktar minn wieħed 'iċ-ċiks'. Allura minn hawn u minn hemm, kif soltu jiġri saret 'iċ-Ċisk'. Dan kollu minħabba intraprenditur Malti ta' dawk iż-żminijiet, ċertu Ġużeppi Scicluna li kien beda jħallas lil bosta ħaddiema Maltin li kien iħaddem miegħu permezz ta' ċekkijiet flok flus kontanti kif kienu mdorrijin. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Markiz Ġużeppi Scicluna, li kien ukoll wieħed mill-ewlenin f'Malta li kien fetaħ Bank tal-flus, baqa' magħruf b'dan il-laqam ta' iċ-Ċisk. Maż-żmien dan l-istess laqam seta' rrifletta wkoll il-fama tajba u ta' ġenerożità li hu kien magħruf biha mal-Maltin.

## Il-laqam fi sfond ta' tradizzjonijiet, kultura u folklor

Fit-tradizzjoni Lhudija tinsab ċerta similarità f'dan il-mekkaniżmu. Nagħti eżempju bl-isem 'Bartilmew'. L-oriġini ta' dan l-isem tmur lura għall-era tat-Testment il-Qadim. Xi ħadd li kien magħruf bħala 'Ben Timej' – it-tifel ta' 'Timej' jew 'Timew', biż-żmien inbidel għal Bartilmew u l-varjanti li jġib miegħu. La semmejna t-Testment il-Qadim, nieħdu spunt ukoll mit-Testment il-Ġdid. Il-persunaġġ ewlieni f'din il-ġabra ta' kotba, Ġesù Kristu, ukoll kienu jsibuh b'laqam, 'tal-mastrudaxxa'.

Eżempju tipiku ieħor ta' dawn il-fenomeni fil-kultura tagħna li jirrifletti wkoll il-qedem tiegħu, hu l-laqam 'tal-kuxa', bl-Għarbi jfisser 'tal-Furnar'. Fil-fatt dan il-laqam insibuh f'Ħal Qormi, għand familja bi tradizzjoni twila ta' furnara.

F'ċerti rħula u l-aktar f'dawk antiki, il-laqam tal-familja li kien ikun ġej min-naħa tal-missier, insibu li kien ikun użat aktar minn dak tal-omm u l-aktar li kien jintiret skont it-tradizzjoni. Tal-missier l-aktar magħruf fil-qalba tar-raħal, waqt li dak tal-omm magħruf l-aktar fit-trufijiet tar-raħal.

Sa madwar erbgħin sena ilu l-użu tal-laqam kien xi ħaġa sistematika wkoll fix-xogħol tal-pulizija. Permezz tal-laqam, il-Pulizija kienet tiddentifika l-persuni bla sforz ta' xejn. Fil-fatt jekk wieħed jara l-okkorrenzi antiki, jinnota li d-dettalji jew partikularitajiet tal-persuni kienu jikkonsistu fl-isem, il-kunjom, l-età, il-laqam, li ġeneralment narawh użat bil-prefissi **ta'**… , jew **tal**-…. , bin min ikun (normalment tal-missier) u l-indirizz. Il-tqajt ma' każi, interessanti ħafna dawn, fejn id-dettalji tal-persuna fl-okkorrenza kienu jikkonsistu biss mill-isem, il-laqam, u l-inħawi ta' fejn ikun joqgħod il-bniedem. Fatt ħelu li ġara tassew lejn il-bidu tas-snin ħamsin, f'Ħal Qormi; jagħti raġun kemm dawn il-laqmijiet kienu mezz effiċjenti biex issib u tiddentifika lin-nies.

Darba fost l-oħrajn, meta l-lejl kien daħal ġmielu, il-pulizija tal-Għassa kellhom rapport, minħabba li xi rġiel kienu qabdu jgħannu f'kantuniera u ma setgħu jħallu lil ħadd jagħlaq għajn m'għajn. Is-surġent u pulizija marru fil-post u kif appena dehru resqin lejn fejn kienu l-irġiel jgħannu, dawn f'daqqa waħda tħarbtu u ħarbu jiġru. Wieħed minnhom kien baqa' fejn kien, bilqiegħda fuq waħda mill-ġebliet li soltu jpoġġu fuqhom. Is-surġent mar fuq dan u mingħandu deher li ried ikun jaf minn kienu dawk li ħarbu jiġru. Jingħad li dal-proxxmu kien jaf lil dawn l-għannejja bil-laqmijiet tagħhom. Għalhekk ftiehem mas-surġent sabiex jitbiegħed ftit tal-passi l-bogħod u f'għanja kien ser jisma' dawk l-irġiel l-oħra min kienu. Hekk kif is-surġent dar il-kantuniera, beda jisma' l-għana kif wiegħdu l-ieħor … '*Tnejn tal-moħli u tnejn tal-vaski, Pietru l-qilla u l-važin, in-nemes u Anġlu ta' Lippu u gaxxulli u l-bukkin*'. M'għandniex xi ngħidu, għax b'li sema', is-surġent kellu biżżejjed sabiex l-għada bagħat għalihom.




Bħalma tafu lkoll, fil-pulizija wkoll teżisti din it-tradizzjoni ta' laqmijiet. Jekk ma tkunx diġà magħruf b'xi wieħed…, ħafna drabi jiġri li jsibuhulek.

**Int minn ta' min int ?......**
**ta' min jgħidulkom ?**

Nazzarda ngħid li l-laqmijiet, għad għandhom il-qawwa ta' dak l-effett li jiddentifika. Tant hu hekk li jekk tmur f'xi pjazza ta' raħal, jew tkun fejn tkun u tistaqsi għal xi ħadd; spontanjament in-nies tal-post jistaqsuk lura… 'minn ta' min hu?' jew 'minn ta' min jgħidulhom?' F'bosta drabi jiġri li bl-isem u l-kunjom biss ma tasalx jekk ma tkunx taf il-laqam. Din hi r-realtà dwar il-qawwa li għad għandu l-laqam fil-kultura tal-gżejjer tagħna, li sa ċertu punt naħseb li jista' hemm fatturi psikoloġiċi wkoll fiha.

Il-laqmijiet huma wirt il-kultura antika tagħna. Il-laqam m'għandu jnaqqas il-ġieħ ta' ħadd. Għalkemm ukoll, hemm min jogħxa meta ssejjaħlu bih, kif bħalma hemm oħrajn li jħossuhom kburin. Xejn m'għandu jżomm, milli din it-tradizzjoni; parti integrali mill-kultura u l-folklor tal-gżejjer tagħna, tibqa' ħajja għaż-żmien li ġej.

joseph.q.borg@gov.mt

INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

## Minn Diċembru 2015 lil hawn

Bħalma kulħadd kien jaf, kemm b'*posters* li ġew imqassma f'kull Distrett, Diviżjoni u Sezzjoni tal-Korp tal-Pulizija saru żewġ attivitajiet prinċipali fix-xahar ta' Diċembru 2015, kif ukoll fix-xahar ta' Jannar 2016. B'responsabbiltà, il-Kumitat iħoss li għandu jagħti rendikont ta' x'ġara u kemm kien l-ammonti ta' flejjes miġbura fid-dixxiplini rispettivi.

## *SNOOKER MARATHON*



Il-maratona tal-i*Snooker* li ġiet miftuħa bil-parteċipazzjoni attiva tal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Michael Cassar damet 'il fuq minn tmenin siegħa (80). L-attendenza u l-parteċipazzjoni għal din l-attività setgħet kienet aħjar.

Fir-rigward, il-Kumitat jħoss li għandha tingħata aktar propaganda fl-attività li jmiss u barra minn hekk, huwa maħsub li jadotta miżuri u strutturi diversi biex dawk interessati jipparteċipaw u jagħtu s-sehem tagħhom għal skop nobbli.

L-għeluq tal-'i*Snooker Marathon*' ra l-parteċipazzjoni tal-plejers professjonali Maltin, is-Sur Alex Borg u S-Sur Duncan Mercieca li kienu megħjuna mir-*referee* internazzjonali u professjonali fl-istess qasam, is-Sur Ambroise Licari.



Minn hawn, il-Kumitat Sportiv jerġa' jieħu l-opportunità li jirringrazzja lis-sinjuri li għoġobhom jonorawna bil-preżenza tagħhom u aktar, li jkunu parteċipanti li dejjem issibhom minn ta' quddiem fejn hemm skopijiet filantropiċi.





## POLRUN 2015

Aktar tard f'Diċembru 2015, saret għall-ewwel darba l-POLRUN. Għal din l-attività, għalkemm tnediet kmieni, il-Kummissarju tal-Pulizija kien preżenti biex iħeġġeġ lill-parteċipanti u fl-aħħar tal-attività kien hu li ppreżenta t-trofew lir-rebbieħa ta' din l-attività. Il-parteċipazzjoni kienet waħda inkoraġġanti, speċjalment minn diversi atleti kemm fuq livell ta' klabbs, individwali u mhux l-inqas minn membri tal-Korp tal-Pulizija.

Ta' min isemmi li din l-attività qatt ma setgħet tirnexxi mingħajr l-għajnuna tal-Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar, SA Valerie Farrugia tal-MAAA, u lis-Sur Tony Vella mill-klabb tal-Mellieha. Dawn tal-aħħar assistewna bil-preżenza u s-servizzi tagħhom u billi pprovdew apparat li kien bżonjuż għal matul it-tellieqa.

Għal din l-attività, il-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onorevoli Carmelo Abela, ipparteċipa u ta s-sehem tiegħu.




Mhux l-inqas, għaż-żewġ attivitajiet organizzati, il-Kumitat jieħu l-opportunità li jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Michael Cassar li bl-għajnuna diretta u indiretta tiegħu setgħu jsiru dawn l-attivitajiet sportivi.

F'kull attività, il-Kummissarju tal-Pulizija għamel kelmtejn tal-okkażjoni u saħansitra rringrazzja lill-parteċipanti tas-sehem tagħhom kif ukoll għall-kontribuzzjoni li taw.



Dawn huma r-riżultati tat-tellieqa uffiċjali:-

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Overall | 1 | 15.45 | 297 | Andrew | Grech | Male | 37 |
| | 2 | 18.16 | 486 | Philip | Vella | Male | 25 |
| | 3 | 18.33 | 843 | John | Rapinett | Male | 40 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1st Female | 29 | 22.41 | 477 | Agnetha | Agius | Female | 35 |
| 2nd Female | 31 | 22.57 | 850 | Diane | Vassallo | Female | 18 |
| 3rd Female | 33 | 23.01 | 417 | Marcelle | Borg Degiorgio | Female | 34 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Male 45+ | 4 | 18.35 | 433 | Charles | Camilleri | Male | 48 |
| Male 40+ | 5 | 18.38 | 473 | Tonin | Dimech | Male | 43 |
| Male 50+ | 10 | 20.00 | 862 | Sam | Attard | Male | 52 |
| Male 35+ | 11 | 20.04 | 434 | Johann | Portelli | Male | 37 |
| Male 55+ | 17 | 20.53 | 472 | Chris | Vella Petroni | Male | 55 |
| Male 60+ | 30 | 22.42 | 863 | Joseph | Farrugia | Male | 62 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Female 35+ | 46 | 24.53 | 468 | Mavis | Sammut | Female | 38 |
| Female 40+ | 41 | 24.26 | 987 | Lorraine | Pavia | Female | 40 |
| Female 45+ | 55 | 25.39 | 152 | Helen | Falzon | Female | 46 |
| Female 50+ | 56 | 25.53 | 942 | Sue | Spiteri Shaw | Female | 52 |
| Female 55+ | 71 | 31.31 | 489 | Graziella | Radmilli | Female | 56 |

Ir-riżultat kollha tal-parteċipanti jistgħu jinġabru mingħand il-membri tal-kumitat.

INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

## *FOOTBALL TOURNAMENT*

Fix-xahar ta' Jannar 2016 sar il-*Football Tournament* bejn id-Distretti. Għal din l-attività, il-konkorrenza kienet waħda kbira u ta' dan, il-Kumitat iħoss kuraġġ akbar li jorganizza attivitajiet simili.



F'dan it-*tournament* ħadu sehem id-Distretti u Sezzjonijiet kollha u kien wieħed ikkumbattut ferm. Din-sena, it-*tournament* intrebaħ mid-Distrett 3, jiġifieri Raħal Ġdid, li fil-finali għeleb lit-tim tal-RIU B. Il-preżentazzjoni lir-rebbieħa saret mill-President tal-Kumitat Sportiv, l-Ispettur Raymond Aquilina wara kelmtejn tal-okkażjoni.

Għall-ewwel darba, kull parteċipant ingħata flokk bħala kommemorazzjoni tal-attività.

## AFM SPORTS DAY 2016

Għal darb'oħra, il-Korp tal-Pulizija ġie mistieden mill-Forzi Armati ta' Malta biex għat-tieni sena konsekuttiva jieħu sehem fl-'AFM Sports Day 2016'. Jidher li din l-attività ta' ġurnata saret parti mill-kalendarju sportiv bejn iż-żewġ forzi u dipartimenti oħra li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali.

L-organizzaturi ħarġu elenku ta' diversi dixxiplini sportivi differenti hekk kif jidher fil-*poster*. Din is-sena, l-AFM żiedu dixxiplini sportivi ġodda bħal *cycling*, *power lifting* u *arm wrestling*.

## IL-ĠEJJIENI B'BIDLA

Il-Kumitat Sportiv, għandu l-ħsibijiet li l-*Other Ranks Games Room*, bl-għajnuna diretta tal-Kummissarju tal-Pulizija jiġi mmodernizzat u jkun aktar post relattiv. Biex dan isir, jeħtieġ pjan u finanzi. Għalhekk, il-Kumitat jinsab għaddej b'diskussjonijiet biex din il-bidla timmaterjalizza u l-iskop jintlaħaq.




Għaldaqstant, il-Kumitat iħoss opportun u ġust li jitlob is-suġġerimenti tal-membri tal-Korp tal-Pulizija, li dawn għandhom jintbagħtu lil xi wieħed mill-membri tal-Kumitat u/jew jindirizzaw is-suġġeriment/i f'dan l-indirizz elettroniku raymond.a.aquilina@gov.mt

Insellmilkom u nixtiqilkom saħħa u hena. Grazzi.

mpsc.police@gov.mt



# Rikonoxximent mill-Onorevoli Angelo Farrugia – President tal-Parlament ta' Malta

mis-Supretendent Stephen Mallia – Għassa Belt Valletta

Nhar l-24 ta' Diċembru 2015 saret preżentazzjoni mill-Onor. Angelo Farrugia – President tal-Parlament ta' Malta lill-Pulizija, bħala rikonoxximent tal-ħidma u l-koperazzjoni tal-Pulizija stazzjonati fil-Parlament u dawk stazzjonati fl-Għassa tal-Belt Valletta.

Din il-preżentazzjoni li saret fl-uffiċċju tal-Onor. Farrugia kienet tikkonsisti fi plattin imnaqqax bl-emblema tal-Parlament u saret lill-Assistent Kummissarju Neville Aquilina, responsabbli minn Reġjun 'A' u għaliha kienu preżenti wkoll id-Direttur tal-Parlament is-Sur Peter Paul Mallia, is-Sur Ansel Farrugia Migneco, is-Supretendent Stephen Mallia, u s-Surġent 353 Antoine Sacco.

F'diskors qasir tal-okkażjoni l-Onor. Farrugia esprima l-apprezzament tiegħu għall-ħidma tal-Pulizija fis-sigurtà tal-Parlament u sostna wkoll l-impenn tiegħu sabiex is-sigurtà f'din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż tkompli tissaħħaħ.

Waqt bibita qasira li fiha dawk preżenti taw l-awguri tal-Milied lil xulxin, ma setax jonqos li l-Onor Farrugia jġedded b'sodisfazzjon il-memorji tiegħu ta' meta kien fizzjal fil-Korp tal-Pulizija għal ħafna snin.



Il-membri tal-Pulizija preżenti għall-okkażjoni rringrazzjaw lill-Onor. Farrugia tal-apprezzament u l-fiduċja li hu għandu fil-Korp tal-Pulizija.

magazine.police@gov.mt

## Mill-Imgħoddi

F'dan ir-ritratt panoramiku, ċirka 1910, jaqbad partijiet sostanzjali mill-Floriana, l-inħawi tal-Mall, ix-Xagħra tal-Floriana, Balżunetta eċċ. Jidher ukoll tajjeb fih l-Isptar Ċentrali ta' Malta ta' dawk iż-żminijiet; li bħalma nafu, illum il-ġurnata jservi bħala l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Dan ir-ritratt barra li hu ritratt ferm nostalġiku, qed jagħtina ħafna informazzjoni bħal: dwar il-mezzi tat-trasport ta' dawk iż-żminijiet, l-ilbies użat, ir-raħħala bil-merħliet tagħhom ħerġin mill-Belt wara l-bejgħ tal-ħalib u xi movimenti oħra ta' bejjiegħa tat-toroq deħlin u ħergin mill-Belt, fost oħrajn.



INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

Gabriel Azzopardi
8 snin




Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

I am writing to commend WPC 341 who was very helpful, polite and efficient when I last visited the B'Kara police station in order to collect a report. She has excellent communication and people skills and was thorough and diligent.

Want to show my appreciation to PC 1022 at St. Julian's Police Station for the manner he handled a sticky situation. His professionalism is to be commended. My daughter and I appreciated his words of advice and the way he helped us solve a long standing situation. Many thanks!

Dear Inspector Mifsud,

A note to thank you and your team (PS1593, PC486, PC540, PC847, PC972, PC1383, PC1489) for the work you did during yesterday's Regatta Youths+ (Under 18) at Rinella Bay.

The service provided by the Police was impeccable. Thank you.

Għażiża Spettura Graziella

Napprezza jekk hu possibbli tgħaddi r-ringrazzjament tiegħi lill-Pulizija tal-Imsida, b'mod partikolari lis-Surġent, naħseb PS1287, minix ċert minn numru, tal-intervent tempestiv waqt il-Protesta tal-Għaqda Patrijjotti Maltin.

Grazzi u tislijiet.

Dear Mr. Stivala,

Good morning,

On behalf of the Insurance Companies involved, I would like to take the opportunity to thank you for the support you gave throughout the whole process and ultimately, for the hard work and dedication at putting all the pieces of the large jigsaw together. It is very unfortunate that we have to deal with such matters, however, if they do happen abroad we cannot isolate ourselves from the rest of the world and expect that such practices won't happen in Malta.

I am including Police Commissioner, Mr Michael Cassar in copy, to thank him also for the resources placed to this end and for the good results achieved.

Dear all,

We really appreciated Sergeant Zerafa attending on both days of our career panel discussions held last week at the Birkirkara Middle school. He was very popular with students as they could relate to his stories and clear descriptions of what work in the police force would be like. Thank you for inspiring our students and taking the time to answer all of our students' questions.

Regards
Michaela Fenech Soler
Career Advisor
St. Theresa College

Sir,

the Malta Triathlon Federation would like to extend its deepest gratitude to the Malta Police Force, especially the Traffic Section and the Rabat District, for its full support to the Federation in connection with the National Duathlon Championships held in Mtarfa on 1 May 2015.

The officers involved probed themselves to be efficient, au courant, and dedicated to the cause. Their cooperation, help assistance and presence were critic to ensure a smooth running of the event and above all, the safety of all those present.

The Malta Triathlon community is greatly appreciative of this support.

Best regards

Ghaziz Supretendent,

B'riferenza ghall-ilment tieghi nixtieq ngharrfek li l-kontejner fi Triq l-Inkwina inhatt u wara tnehha fil-04.30 ta wara nofs inhar.

Nista nghid li dan sehh mertu tas-CMRU Police u ta dan ma ghandix kliem biex nirringrazzjakom f'ismi u ghan-nom tal-girien. Nixtieq nirringrazzja specjalment lil PC 256 li kien tant gentili u ha pacenzja jismani u jifhimni. Iktar minn qabel illum nemmen li hemm pulizija li jaqdu dmirhom sewwa u bis-serjeta u dawn jaghmlu unur lill-Korp.

Ibqa zgur li ahna l-anzjani naghmlu kuragg meta naqraw x'servizz ta sigurta tipprovdi s-CMRU tal-Pulizija u ta dan ahna obligati.

Grazzi hafna u tislijiet.

Just want to show my appreciation to the three very kind police men at mqabba road on Friday morning, my car lost control after (not exactly sure) the bolts came off the tyres and I lost control. Car stopped in the curve of the road, prone to a massive accident waiting to happen because cars swerve round. Guy In truck stopped to help me but could not move the car. (Thanks to you too for stopping!!)Police stopped and started guiding the traffic whilst I called my tow guys for help. After swearing from people passing by and 45 mins (like it's my fault that my car decided To stop in such a dangerous place) and police telling me not to worry, another two police men came and the three of them pushed the car to the side of the road together. I thanked them and all they said was 'ta xejn sinjura' and they were off before I could even get their names...you know who you are.... THANK YOU for saving my car from a massive accident and me because I was in quite a state.

Dear Sir,

I am sending this short mail to thank and praise the three Police officers that were on extra duties during the Island Hotel group AGM last week on the 20th at the Mediterranean Conference Centre.

All three Police officers PC 89, PC 823 and Wpc 334 performed their duties to the best of their abilities whilst being at all times polite and courteous with the public.

I must say that all three officers were good ambassadors to the uniform that they were wearing.

I would also like to thank you for your help, assistance and cooperation.

Although I thanked the Police officers personally I would appreciate if you could convey my message of appreciation to them.

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# International Police Association - Malta

Neville Mercieca - National President

## IPA Malta Trip to the FYR of Macedonia

For the past months, we have been busy planning how to transform the IPA experience for IPA Malta members from paperwork and correspondence to a more real and personal perspective.

Travelling is one aspect which people like most, especially when you live on a small island. The experience of visiting bigger countries, maybe seeing things which a limited territory cannot offer, makes it more exciting.

Between the 4th and 9th December 2015, we visited Skopje, the capital city of FYR of Macedonia. A very encouraging 39 IPA Malta members joined us for this experience. Organising such a trip was no easy task but we managed to have a wonderful time. It included Vodno (Millennium Cross), Skopje Zoo, Matka Lake, where we also paid a visit at the monastery, several museums and the Old Bazaar.



Our section will organise trips on a regular basis to IPA countries. We will also work to have you visit our wonderful island. Discussions with another IPA section will soon start to have a twinning project.  IPA Malta will be more than happy to have twinning projects with other sections. We need to work together more and not have individual sections working autonomously. EU funds may be obtained for the benefit of our members.

This year will also be busy for the National Executive Committee. Soon the organisation for our 52nd Anniversary will start along with several social activities. We will focus to increase our membership and try to meet more counterparts who visit our island to increase our friendship network.



Preparations for another International Shooting Competition in 2017 will also be conducted this year. This will be a biannual event hosted by IPA Malta Section.

Hopefully this year, IPA Malta will be informed about what happens during the Mediterranean Sectional meeting. As a small section, we may not always have the funds to attend. Assisting other sections with fewer resources is part of our 'supposed' friendship network. It is what we should believe in.

May I remind you that IPA Malta Membership fee 2016 is now due and can be paid at our office in Marsa every Monday between 9am and 12 noon, by cheque payable to IPA Malta Section or online at www.ipamalta.com

SERVO PER AMIKECO

Neville Mercieca
National president.

ipamalta@gmail.com

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Today I had a car incident, and I was very pleased with the way the things were dealt with. Very professional, polite and kind. Thanks to WPC353 and the other police for all your good work!

Roads don't kill only speed and irresponsibility kills and maims. Only this morning at blata l-bajda an elderly person drove wrong side into oncoming traffic from Marsa going to the park & ride area. I caught the eye of an ALE patrol Land rover who immediately took action on this matter. My thanks to the crew of this Land Rover. This happened at 7.00 a.m. serious repercussions were prevented by this patrol.

I would like to highlight a piece of good old fashion Policing in Senglea. Friday to Saturday night foreign friends of ours went out for the evening returning during the early hours to their house in Duluri Street. During the night they were awoken by a knock on the door. It was Police Officer who whilst on foot patrol discovered they had left their front door car key etc in the lock. Whoever the Police officer was, he deserves acknowledgement. Regards
and thanks – John C Navarro.

Attention Valletta Police Station

Re accident of Wednesday 10th June 2015 at 11:45 AM near St Mark Street Valletta.

I would like to say thanks to the officers who attended at the seen of my accident for all the help they offered me at that time. Also Thanks goes to the traffic police who was also there and stayed with my bike until the tow truck collected it.

Dear Sir/Sirs,

May I please start off by thanking immensely PC 1153, Mark Cardona and his colleague PC 863, Frans Grima from Mgarr police station, Gooo for their fast, efficient and most excellent service carried out today Saturday 29th August.

Well, my mother (an elderly person) caught bus no. 322 from Marsalforn, Gozo and stopped at the next stage at Xaghra road, M'Forn. When she went down and the bus had just left, she realised that she forgot her handbag on the bus seat. Immediately, she called me in a big shock and panic. So I called Malta Public Transport straight away, perhaps they can call the driver or do something so as to reach the driver on that route. I was utterly disappointed with the reaction given to me by the representative as she just took my particulars and sent an email to the office. Up to the time writing this email no reply was given to me by the Malta Public Transport.

So, I phoned quickly Mgarr police station at 1.45pm as this bus no 322 (which left Marsalforn at 1.30pm) was to arrive at about this time. God sent me two angels, PC 1153 and PC 863. On relating the story very quickly, they immediately took action, most probably even ran to the bus terminus in that heat to make sure they reach the bus in time. In about five minutes, I received a phone call that my mother's handbag was found on the bus. I was so overjoyed with such excellent service.

I recommend that PC 1153 and PC 863 should definitely be rewarded and honoured for such excellent service. To top it all, they even delivered my mother's handbag all the way to her residence in Marsalforn. So in a couple of minutes, PC 1153 and PC 863 not only performed an excellent job but saved a life, as my mother was in a very big shock and I feared her health would have deteriorated.

Just want to extend my gratitude to PC622 at Mdina Station for his commendable approach in handling my complaint about a parker last Thu 02/07. Same goes to the Sergeant and his team at the Qawra Station for their prompt action in dealing with a noisy neighbor at 4am last Monday.

Thanks so much - You should be proud of this crew.

All the best

Dear Commissioner,

I would like to commend two police sergeants who helped me out when I mislaid my keys thanks to them I managed to find them, they were very efficient. These were PS1098 and WPS213 the occurrence was on Monday the 24th August around 12 amat the Valletta Police Station.

Thank you

**Letter of appreciation**
Internship of five police students in July 2015

Dear Sergeant Major Farrugia

In the course of the training for higher ranks, you enabled five police students from North Rhine-Westphalia to take part in a two week internship in Malta.

The students enjoyed the internship very much. They have gained a lot of experience that they will never forget. They were overwhelmed by the hospitality you offered.

I would like to thank you and your colleagues from the Malta Police Force. This was not the first time you enabled this internship and I'm sure that hosting foreign students means a lot of extra work for you and your staff.
Nonetheless I hope that the students have been able to give some experience and information from Germany in return.

In particular, I would like to thank Travel Secretary Romeo Micallef, Sergeant Joseph Mamo and Police Major Joseph Borg for organizing the internship and being great contact persons for the students.

Please also give my thanks to all the other colleagues of yours that were involved in the internship.

I would be delighted to continue our cooperation. If there is ever something I can do for you, don't hesitate to contact me.

Yours sincerely

Anne Heselhaus-Schröer
Chief of Police of Gelsenkirchen

INTENIONALLY
LEFT BLANK

eks-Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Teżorier (M.A.R.P.O.)

## Quddiesa ta' Radd il-Ħajr u Riċeviment

Nhar il-Ħadd 3 ta' Jannar 2016, fis-Sala Vilhena tal-Kwartieri Ġenerali tal-Korp, fil-Furjana, saret l-attività mistennija ta' kull sena, meta l-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Michael Cassar, jistieden lill-pulizija rtitari għal *reunion* annwali. Din hi attività li tkun mistennija minn kulħadd, peress li wieħed ikun jista' jiltaqa' ma' kollegi u ħbieb antiki.



L-attività bdiet bid-dħul tal-Bandiera Maltija, il-*Colours* tal-Korp tal-Pulizija u dawk tal-M.A.R.P.O. li ngħarru mill-President tal-Għaqda, Charles Curmi. Dawn kienu akkumpanjati mill-*Pipes and Drums* tal-Korp.

Wara ġiet iċċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr mill-Kappillan tal-Korp, Fr. Ray Bonnici OFM. Hekk kif spiċċat il-quddiesa, ingħatat tislima lil dawk il-membri tal-Korp li ħallewna għall-ħajja eterna, kemm wara li spiċċaw mis-servizz, kif ukoll waqt li kienu għadhom membri tal-Korp.

Numru ta' membri tal-Korp ġew ippremjati għall-ħidma tagħhom kif ukoll ingħataw premijiet oħrajn bħal ċertifikati, ukoll lil dawk il-membri



tal-Korp li rtiraw wara 25 sena servizz jew aktar. Saret ukoll preżentazzjoni ta' apprezzament lill-Kummissarju, is-Sur Michael Cassar, għan-nom tal-membri kollha tal-M.A.R.P.O., mill-President tal-Għaqda, is-Sur Charles Curmi.

Wara kien hemm is-soltu riċeviment li jkun mistenni ħafna mill-membri tal-Għaqda, fejn wieħed jiltaqa' ma' sħabu l-antiki u jerġgħu jirrakkuntaw xi storja tal-imgħoddi u xi esperjenza sabiħa li jkunu għaddew minnha.

## Il-Kawża dwar il-Pensjoni.... tkompli



Fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja li kellna nhar il-Ħadd 13 ta' Diċembru 2015 u li għaliha attendew numru kbir ta' membri, tkellimna fit-tul dwar il-pass li jmiss fid-dawl tad-deċiżjonijiet mill-Qorti Kostituzzjonali. Dan wara li ttieħdu l-pariri tal-Avukati tagħna.

Kien hemm approvazzjoni unanima li l-każ tagħna, issa li ġew eżawriti r-rimedji kollha lokali bħalma titlob il-liġi, jiġi riferut lill-Qorti Ewropea.



Għaldaqstant, il-membri ġew ġentilment mitluba jikkontribwixxu sabiex inkunu nistgħu nkomplu bil-kawża tagħna u llum nistgħu ngħidu li l-maġġoranza tal-membri rrikorrew bil-kbir u qed jagħmlulna kuraġġ li nkomplu. Kulħadd għadu jista' jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu billi jattendi fl-Uffiċċju kull nhar ta' Tnejn bejn id-9.00a.m. u nofsinhar jew jibgħat ċekk ta' €20 lil MARPO flimkien mad-dettalji tiegħu fl-indirizz MARPO PO Box 36 Birkirkara.

Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min ikkontribwixxa, inħeġġu oħrajn li għadhom m'għamlux dan, biex mill-aktar fis possibbli jagħmlu l-kontribuzzjoni tagħhom.

Ray Zammit - Segretarju - M.A.R.P.O.

# Mill-Imgħoddi

Din id-darba għandna ritratt ta' membri tal-Korp tal-Pulizija, waqt taħriġ li kien isir regolari flimkien mal-*Malta Civil Defence Corps*, fil-bażi tagħhom, f'Tarġa Gap, il-Mosta. F'dan it-tip ta taħriġ, il-membri kienu jiġu mħarrġa u ppreparati għal kull tip ta' diżastru li seta' jinqala', bħal ngħidu aħna terremot jew tiġrif ta' bini.

Fost il-membri li jinsabu f'dan ir-ritratt, insibu lil Eks PC 118 Joseph Camilleri, magħruf bħala l-Paromu, lil Eks Maġġur 382 Piu Cilia, kif ukoll lil Eks Pc 141 C. Attard, magħruf bħala t-Tiny.



**Mizata:** Il-ħlas dovut ta' €5 fis-sena jista' jsir fl-Uffiċċju tal-Għaqda ġewwa l-Menqa, kull nhar ta' Tnejn bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar jew b'ċekk pagabbli lill-M.A.R.P.O. u jimpustawh f'dan indirizz :
M.A.R.P.O. - P.O. Box 36, Birkirkara. Wara tintbagħat irċevuta bil-posta.

INTENIONALLY
LEFT BLANK



Ex PC 804 Robert Mifsud
1936 - 2015
1956 - 1981



Ex 2/SM 272 Carmelo Formosa
1941 - 2015
1959 - 1986



Ex Pc 893 Louis Cassar
1928 - 2015
1953 - 1978



Ex Pc 666 Joseph Cutajar
1955 - 2015
1987 - 2013



Ex Pc 807 John Scicluna
1928 - 2015
1952 - 1982



Ex Ps 914 Joseph Parnis
1930 - 2015
1979 - 1991



Ex. Superintendent Joseph Spiteri
1918 - 2015
1939 - 1968



Ex Pc 489 Carmel Baldacchino
1938 - 2015
1956 - 1981

INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK